MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2008

Rikors Numru. 108/2007

**Felix Garcia**

**Vs**

**Direttur Ufficju Kongunt**

## Il-Qorti:-

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Felix Garcia prezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar is-sittax (16) t’April 2007 fejn espona s-segwenti:-

“*Illi r-rikorrenti gie notifikat permezz ta’ att gudizzjarju ta’ dikjarazzjoni mahlufa mill-intimat ai termini ta’ Art. 466 ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (kap. 12) fejn l-istess intimat qed jivvanta li l-esponenti huwa debitur tal-Gvern fl-ammont ta’ elf, hames mija u tliet liri Maltin u zewg centezmi (LM1,503.02), liema somma tirraprezenta arretrati ta’ cens ta’ Plots 33 u 34 Art taz-Zwieten jew Tal-Patri, fil-Fgura.*

*Illi jidher illi l-ammont pretiz jirrapprezenta in kwantu* ***(a)*** *is-somma ta' elf u tmien liri Maltin (LM1008) arretrati ta' cens ghall-perijodu mill-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 1993 sat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Marzu 2005 bir-rata ta' erbgha u tmenin lira Maltin (LM84) filwaqt li* ***(b)*** *is-somma ta; erba mija u hamsa w disghin liri Maltin u zewg centezmi (LM495.02) hi arretrati ta' cens ghall-perijodu mill-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 2005 sat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Marzu 2007 bir-rata riveduta ta' mitejn u sebgha u erbghin liri Maltin u wiehed u hamsin centezmu (LM247.51)fis-sena.*

*Illi l-pretensjon ta' l-intimat Direttur tal-Ufficju Kongunt hija preskritta, almenu in parte ai termini ta' l-Artikolu 2156(a) tal-Kodici Civili (Kap. 16) li jipprovdi ghall-preskrizzjoni kwinkwennali fil-kaz ta' annati ta' cnus. Oltre dan jigi rilevat li dina d-disposizjoni tal-Ligi tapplika anke fil-konfront tal-Gvern ope legis ai termini ta' l-Artikolu 2115 (2) tal-Kap 16.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab ili din l-Onorabbli Qorti tghogobha tiddikjara t-talba tal-intimat bhala wahda nfondata u dan ai termini tal-precitat Artikolu 466 tal-Kap 12."*

Rat ir-risposta tal-intimat Direttur tal-Ufficju Kongunt li espona bir-rispett.

"*Illi huwa gie notifikat nhar it-tlieta w ghoxrin (23) t'April 2007 b'rikors ipprezentat nhar it-tlettax (13) t'April 2007, flimkien ma digriet datat sbatax (17) t'April 2007 fejn ir-rikorrenti qieghed jikkontesta l-ammont mitlub minnu.*

*Illi huwa nghata l-fakolta li jipprezenta r-risposta odjerna fi zmien ghoxrin jum minn notifika tar-rikors permezz ta' digriet datat sbatax (17) t'April 2007.*

*Illi l-ammont kif pretiz mill-esponent ai termini tal-ittra ufficjali datata sitta w ghoxrin (26) t'Ottubru 206 huwa kollu dovut kif ser jirrizulta waqt il-provi.*

*Illi ghalhekk il-pretensjonijiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandhom jigu michudin.*

*Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex tilqa t-talba tar-rikorrent w ghalhekk ghandha tikkundannah ihallas l-ammont kif pretiz minnu fl-imsemmija ittra ufficjali, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi."*

Rat id-digriet taghha tat-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2007 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar l-erbgha (4) ta' Mejju 2007.

Illi fis-seduta ta' nhar il-hamsa w ghoxrin (25) ta' Gunju 2007, l-avukat tal-intimat pprezentat nota b'numru ta' dokumenti fosthom kopja tal-kuntratt ta' l-akkwist ta' l-*utile dominju temproanju* tal-proprjeta mertu ta' din il-kawza li gie markat Dok. 'A', kopji ta' ittri w ittri ufficjali li ntbaghtu lir-rikorrent sabiex jaghmel il-pagament tac-cens mill-prdecessur ta' l-Ufficju Kongunt li gew markati bhala Dok. 'B' sa Dok. 'I' u kopja ta' ittri li ntbaghtu mid-Direttur ta' l-Ufficju Kongunt intimat ghall-pagament tac-cens, liema pagament baqa' qatt ma sar mir-rikorrent.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza si tratta fuq talba maghmula mir-rikorrenti sabiex ma ihallasx ic-cnus dovuti lill-intimat skond diversi nterpellanzi u dan fl-ammont ta' elf hames mija u tlett liri u zewg centezmi maltin (LM1503.02) rapprezentanti arretrati ta' cens tal-proprjetajiet fuq indikati. Ir-rikorrenti spjega li dan l-ammont jirrapprezenta 'n kwantu is-somma ta' LM1008, arretrati ta' cens ghal perjodu bejn l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 1993 sat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Marzu 2005, waqt li s-somma ta' LM495.02, tirrapprezenta arretrati ta' cens gall-perjodu bejn l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Marzu 2005 sat-tlieta w ghoxrin (23) ta' Marzu 2007.

Ir-rikorrenti espona li l-azzjoni tal-intimat hija preskritta almenu in parte ai termini ta' l-artikolu 2156(a) tal-Kap 16

u cioe bi preskrizzjoni kwinkennali u r-rikorrenti sostna li din id-disposizjoni tal-ligi tapplika *ope legis* fil-konfront tal-Gvern ai termni ta' l-Artikolu 2115(2) tal-Kap 16.

L-artikolu 2156(a) jipprovdi s-segwenti:-

"*L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-gheluq ta' hames snin:*

*a) l-azzjonijiet ghal annati ta' cnus, ta' renti perpetwi jew ta' vitalizju, ta' imghaxijiet ta' cnus bollati li tnisslu qabel l-erbatax (14) t'Awissu 1862 u ghall-hlas tal-awdemji dovuti fl-obbligazzjoni ta' biegh jew trasferiment iehor ta' fondi enfitewtici..*"

Waqt li l-Artikolu 2115 ta' l-istess Kap jipprovdi:-

*"**(1)** Il-Preskrizzjoni tolqot il-jeddijiet u l-azzjonijiet li jmissu lil kull persuna, istitut jew korp morali, bla distinzjoni, kif ukoll il-beni suggetti ghal fedekommess.*

***(2)** Izda, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tinghata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta, hlief fil-kazijiet imsemmijin fl-artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li l-azzjoni ta' cnus hija preskrivibbli kontra il-Gvern ta' Malta una volta jirrizulta li jkunu ghaddew hames snin minn meta d-debitur jigi hekk interpellat sabiex ihallas ic-cens in kwistjoni.

Illi r-rikorrenti fl-ebda hin ma kkontesta d-dokumenti esebiti mill-intimat w ghalhekk ghandu jitqies li l-ewwel att gudizjarju li gie prezentat il-Qorti mill-intimat sabiex serva biex interompa l-perjodu preskrittiv skond l-Artikolu 2128 tal-Kap 16, kienet l-ittra ufficjali datata erbatax (14) ta' Marzu 1991 li giet notifikata lir-rikorrenti fit-tlieta w ghoxrin (23) ta' Marzu ta' l-istess sena 1991. (Dan il-Qorti tafu ghaliex ghamlet il-verifiki taghha fl-arkivji taghha u irrizulta li hemm notifika posittiva fuq dan l-att fil-Volum 39). B'hekk m'hemmx dubbju li l-azzjoni sabiex jingabru c-cnus

dovuti mill-erbatax (14) ta' Marzu 1991 sal-erbatax (14) ta' Marzu 1996 ma hiex preskritta.

Dwar c-cens dovut ghas-sena 2007 il-Qorti rat li r-rikorrenti gie notifikat b'att gudizzjajru iehor u cioe ittra ufficjali datata tnax (12) ta' Novembru 1992 li wkoll gie notifikat lir-rikorrenti nhar is-sittax (16) ta' Novembru 1992 (vide Vol. 39/1992) w ghalhekk zgur li sat-tnax (12) ta' Novembru 2007 il-hlas tal-arretrati ta' cnus ghas-sena 1997 kien ghadu dovut.

Il-Qorti rat li r-rikorrenti gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas id-debitu tieghu izda dan nonostante dan baqa' nadempjenti.

**Ghaldaqstant l-Qorti tiddikjara it-talba rikorrenti bhala nfondata u konsegwentement tikkundanna r-rikorrenti jhallas lill-intimat is-somma ta' elf hames mija u tlett liri u zewg centezmi Maltin (Lm 1503.02) ekwivalenti ghal tlett elef hames mija u wiehed Euro u disgha centesmi euro (€3501.09).**

**L-ispejjes ta din il-kawza ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti. Bl-imghax skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------